MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 62

24 ta' April 2024

Minuti tas-seduta Nru. 62 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 24 ta' April 2024 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 61 tal-25 ta' Marzu 2024, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minuti 2024 - Mellieha (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Aġġornament dwar il-manutenzjoni tal-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-22 ta' April 2024 saret laqgħa mal-Perit M. Casha, li attendew għaliha l-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri E. Bartolo u K. Buttigieg, flimkien miegħu. Fl-istess laqgħa ġew diskussi l-elementi kollha li għandhom jidħlu fil-*bill of quantities*. Intant dan sar u ġiet mgħoddija stima li tammonta għall-€347,367 bit-taxxa miżjuda.

2.1.3. Is-Sur C. Debono tenna li permezz tal-iskema SPI/SCI/2/2021 il-Kunsill ikkwalifika għal għotja ta' €38,836. Huwa qal li għandha ssir talba għal finanzjament addizzjonali taħt l-iskema SPI/SCI/04/2024 li tipprovdi għall-Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern, li tagħlaq fl-24 ta' Ġunju 2024.

2.1.4. Il-Kunsill innota li l-għotjiet approvati taħt din l-iskema huma pjuttost baxxi meta mqabbla ma' l-istima tal-perit. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li għadha tiġi mistħarrġa l-possibiltà ta' finanzjament taħt id-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar qabel issir talba oħra taħt l-iskema dwar Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri.

**2.2.1. PA 0843/24 - Progett dwar Gnien Pubbliku fuq l-art konfinati minn Triq l - Etna, Triq Mons Frangisk Xuereb Triq l-Ghasel (P/4/27)**

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għall-minuta 2.2.2. tas-seduta ta' qabel dwar il-proposta li għamlu Project Green sabiex jibdew jitqiesu bħala l-applikanti bil-għan li jkollhom aktar viżibilità fuq il-permess u anke biex jitħaffef il-proċess meta jkun meħtieġ. Huwa għarraf li skond il-parir legali li ngħata, l-applikazzjoni għandha titħalla f'isem il-Kunsill sabiex ma jiġix ippreġudikat il-kuntratt ta' kommodat li sar mal-Kurja Arċiveskovili.

2.2.3. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata tweġiba lill-Project Green f'dan is-sens.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma saru ebda mistoqsijiet.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 19/04/24;
- Skeda ta' infieq permezz tal-*petty cash* – 01/03/24 – 04/04/24
- Skeda ta' Pagamenti – 01/03/24 - 04/04/24;
- Minuti tas-Seduta tal-Kunsill Reġjonali – 16/01/24;
- Minuti tas-Seduta tal-Kunsill Reġjonali – 20/02/24;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

**5.1.1. Rebħ tal-Kampjonat Nazzjonali tat-tieni diviżjoni tal-Baseball (M/6/Vol V)**

5.1.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li il-Mellieħa Northenders Baseball Team rebaħ il-kampjonat imsemmi u għalhekk appella sabiex il-Kunsill jifirħilhom għal dan is-suċċess.

5.1.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**5.2.1. Tabelli *STOP - GIVE WAY* fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol XVII)**

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' April 2024, mibgħut mill-Malta Public Transport, fejn intalab li jsiru t-tabelli msemmija fi Triq Ġorġ Borg Olivier, kantuniera ma' Triq Qalb Imqaddsa u Triq it-Tonn. Dan intalab għaliex ma jgħaddux karozzi tal-linja u vettura oħra f'direzzjonijiet opposti

5.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jirrakkonda din it-talba lil Transport Malta bil-għan li tiġi mplimentata.

**5.3.1. Skema "Ġonna fl-Urban" (A/3/Vol III)**

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 23 ta' Mejju 2024 dwar l-iskema msemmija, li ġiet imnedija mil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. Ġie spjegat li l-iskema tipprovdi għax-xiri ta' siġar tal-lariġ u taż-żebbuġ bil-prezz ta' €10-il waħda, sa finanzjament massimu ta' €500, sabiex jitħawwlu f'postijiet pubbliċi.

5.2.2. Il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jindika ebda sit fejn jistgħu jitħawwlu s-siġar tal-ispeċi ndikati, iżda qabel li għandu jitħalla aktar żmien sabiex il-membri jiġu bl-idejat tagħhom.

### 5.3.1. Servizz dwar il-tindif ta' toroq urbani (T/4/5/Vol IV)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 11 ta' April 2024, mibgħut mid-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni (CMD) fejn ingħad li sabiex is-servizz ta' knis fit-toroq ikompli jingħata wara Mejju 2024 għandu jiġi ffirmat *memorandum* ta' ftehim bil-kitba.

5.3.3. Ġie spjegat li l-abbozz tal-ftehim mgħoddi jipprovdi għal dikjarazzjoni da parti tal-Kunsill Lokali li torbtu jgħaddi l-allokazzjoni kollha li tinghata mill-Gvern Centrali ghall-knis ta' toroq kull sena lis-CMD. Sar aċċenn li għall-2024 id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali allokat €143,448 għat-tindif ta' toroq urbani, li jissarfu pagamenti ugwali ta' €11,954 fix-xahar. Bil-ftehim li skada f'Ottubru 2023, ir-rata hija ta' €6,667, li jfisser awment ta' ftit inqas minn 80%. Ġie mfakkar illi l-offerta li saret wara s-sejħa kienet tammonta għal €9,627 fix-xahar.

5.3.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma jkunx prudenti li t-Tmien Kunsill jidħol għall-ftehim ta' ħames snin, ftit ġimgħat qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant għandha tintalab estensjoni tal-ftehim attwali għal erba' xhur oħra. Kien hemm qbil li din id-deċiżjoni għandha tiġi komunikata lis-CMD.

### 5.4.1. 125 Anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa (S/6/Vol VII)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 18 ta' April 2024, fejn il-kumitat organizzativ għarraf li l-2024 taħbat il-125 anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa. Intqal ukoll li matul l-2024 ser isiru diversi ċelebrazzjonijiet biex jitfakkar dan l-avveniment, li l-qofol tagħhom ser ikun *re-enactment* bis-sehem tal-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina, li mistennija tiswa madwar €3,036. Sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzizzjoni ta' din l-attività.

5.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna wkoll għal ittra datata 4 ta' April 2024, fejn is-Società Filarmonica La Vittoria ser tagħti l-kontribut tagħha għall-imsemmi anniversarju billi ttellgħa akkademja mużiko-letterarju fis-26 ta' Mejju 2024 fil-Knisja Arċipretali. Is-soċjetà qed tistma li dan jiġi jiswa' €5,000 billi ser jinvolvi kiri ta' audio, dwal, vestwarju, mużiċisti, eċċ.

5.4.4. Il-Kunsill qabel li l-involviment finanzjarju tiegħu ma għandux jaqbeż il-massimu ta' €1,000 f'kull każ. Din id-deċiżjoni ttieħdet fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

### 5.5.1. Ftehim dwar l-introduzzjoni ta' *School Grannies* (S/3/2)

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li kien hemm żewġ applikanti li wrew interess li jagħtu s-servizz ta' *school grannies*. Intant saret laqgħa magħhom fil-preżenza ta' uffiċjal mid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva, fejn attendew ukoll il-Viċi Sindku J. Buttigieg, l-Kunsilliera A. Brincat Stellini, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u l-uffiċjal M. Gambin. Fl-istess laqgħa ġie spjegat ir-rwol tal-i*school grannies*. Kien miftiehem ukoll li għandha ssir laqgħa mad-direzzjoni tal-Iskola Primarja fis-6 ta' Mejju 2024, filwaqt li d-Dipartiment għandu jgħaddi kopja tal-ftehim li jrid jiġi ffirmat mal-persuni konċernati.

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.6.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq il-Kbira quddiem Dingli Butcher (T/3/2/Vol XVII)

5.6.2. Saret referenzi għal imejl datat 9 ta' April 2024 fejn il-proprjetarju ta' Dingli Butcher talab li l-faċilitajiet li kienu allokati lilhom fi Triq il-Kappillan Magri, jiġu trasferiti għal fejn għandhom il-ħanut l-ġdid f'Nru. 64, Triq il-Kbira.

5.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm l-ispazju mitlub minħabba n-natura tax-xogħol tal-applikant.

**5.7.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq Daħlet ix-Xmajjar u fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XVII)**

5.7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saru talbiet dwar il-ħtieġa ta' *speed hump* fi Triq Daħlet ix-Xmajjar, kważi f'nofs it-tul tagħha. Intalbet oħra fi Triq l-Etna, bejn Triq ix-Xehda u Triq il-Miġbħa, fejn mhemmx bini li jħares fuqha.

5.7.3. Il-Kunsill approva ż-żewg proposti mressqa.

**5.8.1. *MOU* dwar proġetti infrastrutturali (T/3/2/Vol XVII)**

5.8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni għal imejl datat 19 ta' April 2024, fejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi stieden lill-membri tal-Kunsilli Lokali u s-Segretarji Eżekuttivi għall-iffirmar ta' ftehim dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti Infrastrutturali mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi li jindikaw il-Kunsilli Lokali, permezz ta' *framework agreement* ma' kuntratturi privati. L-istess proġetti ser ikunu jistgħu jitwettqu permezz ta' vot ta' €10 miljuni allokat mill-Gvern Ċentrali. Aktar tagħrif ser jingħata permezz ta' preżentazzjoni li ser tingħata fl-MFCC Ta' Qali fis-26 ta' April 2024 fid-9.30am.

5.8.3. Il-Kunsill innota l-appuntament.

**5.9.1. *Nessy Roading and Spelling Programme* (E/3/1/Vol VII)**

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-Ċirkulari AKL 2024/030 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn tħabbar li l-Assoċjazzjoni ser tkun il-Kordinatur Nazzjonali f'inizjattiva ntiza biex tagħti għodda diġitali lil kull Kunsill Lokali li jew għandu kompjuter għad-dispożiżżjoni tar-residenti jew inkella apparat simili fil-librerija. Il-programm huwa intiż li jgħin lit-tfal fil-litteriżmu, *nessy reading* u *spelling programme.* Huwa addattat ukoll għal tfal li għandhom id-dyslexia. Il-kors fih 200 siegħa ta' tagħlim u jagħti aktar riżorsi lill-għalliema u l-ġenituri.

5.9.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa fih kemm-il darba hemm il-faċilitajiet meħtieġa fil-liberija pubblika.

**5.10.1. Jum l-Omm (A/1/1/Vol II)**

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet ukoll li s-Sindku D. Vella, flimkien magħha ġew mistiedna miċ-Ċentru Anzjanità Attiva sabiex fil-11 ta' Mejju 2024, jattendu għal *coffee morning* u tombla li ser jiġu organizzati għall-anzjani li ma jattendux ċ-ċentru. Hija pproponiet li bħala premjijiet, jiġu offruti żewġ settijiet ta' kotba ppubblikati mill-Kunsill u żewġ qsari. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li Jum l-Omm ser jiġi ċċelebrat fit-12 ta' Mejju 2024 u għaldaqstant ipproponiet li titqassam fjura lil kull anzjan li jattendi.

5.10.3. Il-Kunsill approva l-proposti li mressqa.

**5.11.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-ħarġa li saret fl-24 ta' April 2024, lejn is-Siġġiewi, li kienet tinkludi s-Salib tal-Għolja, attendew għaliha sbatax-il persuna.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. *International Fireworks Festival* 2024 (A/5/5/Vol VII)**

5.12.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fil-15 ta' April 2024 saret laqgħa ma' uffiċjali mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu dwar l-arranġamenti li għandhom jidħlu fis-seħħ billi ser ssir parti minnu fil-Mellieħa fis-27 ta' April 2024. Fl-istess okkażjoni ser jieħdu sehem il-Baned Imperial u La Vittoria, filwaqt li ser ikun bejgħ ta' ikel mill-membri tal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria

Bambina u xogħol ta' artiġġjanat. Is-Sur D. Vella spjega li l-ħruq tan-nar u l-udjenza ser ikunu fuq ir-riħ ta' Ġnien Ingraw u għalhekk ġew trattati l-arranġamenti tat-traffiku kemm fi Triq Ġnien Ingraw u toroq oħra li jwasslu għaliha. Triq l-Assedju l-Kbir ġiet ukoll inkluża, minħabba s-servizzi ta'merġenza li ser ikunu fuq il-post. Għall-istess laqgħa attendew l-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo, is-Segretarju Eżekuttiv, u l-uffiċjal M. Gambin.

5.14.2. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti kif ġew spjegati.

**5.15.1. SPI/SCI/3/2024 - Clean Up the World Campaign 2024** **(F/1/7/Vol VI)(T/6/1/Vol IV)**

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-iskema msemmija u pproponiet li l-Kunsill għandu jieħdu sehem permezz ta' *żewġ clean-ups* qrib it-Torri l-Aħmar fi Triq id-Dahar fit-28 ta' Settembru bejn is-7:30am u d-9:00am, u fid-29 ta' Settembru 2024 fl-Armier bejn il-5:30pm u s-7:00pm.

5.15.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u awtorizza s-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq.

**5.16.1. Periklu fit-Telgħa ta' Għajn Żnuber** **(D/3/1/Vol XII)**

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni dwar il-periklu li jeżisti fi Triq il-Mellieħa fil-parti ta' fuq tat-telgħa ta' Għajn Żnuber għar-raġuni li mhemmx ilqugħ għal vetturi li jitilfu l-kontroll.

5.16.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi kkunsidrat li jsiru *crash barriers* jew faxxa tal-konkos.

**6.1. Servizzi professjonali b'rabta mal-iżvilupp ta' art konfinanti minn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb, u Triq l-Għasel** **(P/4/27)**

6.2. Għal din il-parti tas-seduta attenda l-Perit Joseph Attard u għalhekk is-seduta ġiet sospiża sakemm jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Perit Attard qal li t-talba għall-ħlas professjonali tiegħu kienet skont l-Artiklu 10 u t-Tariffa K annessa mal-Kapitlu 12, tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rata applikabbli għal tali proġett hija dik ta' 6%. Huwa qal li t-talba għall-ħlas tiegħu kienet għal xogħol imwettaq, li kien jinvolvi t-tħejjija ta' *bill of quantities* dettaljat, speċifikazzjonijiet, kalkoli strutturali u pjanti strutturali, li eventwalment ġew riveduti u aċċettati minn Project Green (PG). Il-Perit Attard spjega li fid-dawl ta' dan, ma jaqbilx totalment li l-aħħar talba għall-ħlas kienet prematura, meta wieħed iqis l-ammont ta' xogħol li ġie mitlub minn PG sal-lum. Għaldaqstant, f'dan l-istadju qed jintalbu, 4% minflok 6%, filwaqt li aktar 'l quddiem meta jiġu konklużi l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti u t-twettieq tax-xogħlijiet, il-Kunsill jintalab iħallas t-2% li jibqma'. Il-persentaġġi msemmija ġew applikati fuq il-valur stmat tal-proġett li jammonta €1,900,944.50.

6.3. Fir-rigward tal-fatturi datati 23 ta' April, u 11 ta' Diċembru, 2023 il-Perit Attard ikkonferma li l-imsemmija fatturi huma marbuta mal-istess sit, iżda dawn kienu jkopru xogħlijiet differenti u fil-fatt jkopru drittijiet professjonali relatati mal-applikazzjoni PA 06425/19, li d-disinn relattiv, eventwalment ġie mibdul kompletament minn PG. Huwa qal li l-ammonti mitluba fil-kontijiet imsemmija huma għal xogħol professjonali differenti, filwaqt li stqarr li t-trasparenza m'għandhiex tkun ta' tħassib la għall-Kunsill u lanqas għalih, peress li din it-talba għall-ħlas hija għal 4%, ossija żewġ terzi ta' 6%, kif applikabbli fit-Tariffa K.

6.4. Fit-tkomplija tas-seduta, il-Kunsill qabel li l-kont in kwistjoni għandu jitħallas.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

**"Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2023 oriġinali, li ġew sottomessi u approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 60 tat-27 ta' Frar 2024; u**

**Billi t-tibdil li sar fil-verżjoni oriġinali tal-imsemmija Stqarrijiet Finanzjarji, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri, kif ukoll mill-*accountant* inkarigat mill-Kunsill;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji 2023, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawhom u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".** **(F/1/2/Vol IX)**

7.2. Is-seduta ġiet sospiża sabiex l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea ikun jista' jispjega l-aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji oriġinali mitluba mill-udituri.

7.3. Għal din il-parti tas-seduta assista b'mod virtwali l-*Accountant* tal-Kunsill – is-Sur Daniel Galea. Huwa spjega illi wara l-verifika, l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji, li affettwaw il-figuri kkwotati fl-istqarrijiet oriġinali bil-mod segwenti:

(i) Id-dħul kien €1,448,522, kontra nefqa ta' €1,513,186 u b'hekk is-sena għalqet b'deficit ta' €64,667. Id-dħul mill-Gvern Ċentrali kien jammonta għal €1,336,612. Dan naqas fuq tas-sena preċedenti peress li l-Kunsill m'għadux joħroġ kontijiet lil Wasteserv għall-ġbir tal-iskart organiku fil-borża l-bajda, billi fl-2023 dan is-servizz beda jagħtiħ ir-Reġjun Tramuntana. Dħul ieħor kien ġej: (a) mill-*bye-laws* li kien jammonta għall €15,149; mis-Sistema tal-Infurzar €11,076; u dħul Ġenerali ta' €85,685.

(ii) Bħala ħruġ kien hemm tnaqqis fil-ħlas tal-pagi peress li s-Segretarjat tal-Kunsill ma kienx qed jaħdem bil-kumpliment sħiħ u fil-fatt dan niżel minn €244,171 fl-2022 għal €216,561 fl-2023.

(iii) Fir-rigward tat-Tħaddim u Manutenzjoni, kien hemm nefqa totali ta' €753,821, li kienet tikkonsisti minn €98,469 fuq Tiswijiet u Manutenzjoni, u €655,353 fuq Servizzi Kuntrattwali. Fir-rigward tal-aħħar, kien hemm żieda ta' 27%, li parti sostanzjali minnha kienet attribwita għall-bdil tal-lampi tat-toroq peress, li qed jinbidlu mis-sistema SON għall-LED.

(iv) In-nefqa fuq l-Amministrazzjoni naqset b'mod marġinali għal €542,804, minkejja li kien hemm żidiet fuq attivitajiet marbuta mal-ġemellaġġi u s-servizzi professjonali. Kien hemm tnaqqis notevoli fir-rigward tal-attivitajiet kulturali u d-diprezzament fuq l-assi permanenti.

7.4. Is-Sur Galea kompla jispjega li fi tmiem is-sena, il-Kunsill għandu flus kontanti u ekwivalenti ta' €2,982,703 (2022: €2,038,084), u b'hekk hemm kapital biżżejjed biex isostni -l-operat għat-12-il xahar li ġejjin. Huwa kkummenta wkoll li nżammet pożizzjoni pożittiva tal-assi kurrenti netti ta' €1,555,069 (2022: €1,463,127) biex jagħmlu tajjeb għall-obbligazzjonijiet preżenti kif ukoll l-obbligi u l-impenji għal żmien qasir li jirriżultaw.

7.5. Billi wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw ma kienx hemm kummenti, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 8.1. Spusstjar ta' spazji għall-ipparkjar fl-Armier iż-Żgħir **(T/3/2/Vol XVII)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li skond id-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti, Transport Malta ġew mgħarrfa li kien qed jiġi rakkomandat li l-arranġament preżenti għandu jinżamm, għar-raġuni li:

- Dak propost inaqqas in-numru ta' spazji għall-ipparkjar meta jitqies li jrid jitħalla spazju vojt quddiem it-trejqa li twassal għall-iskal;

- L-aspett estetiku ser jiġi affettwat b'mod negattiv, partikularment bl-ipparkjar ta' vetturi kbar, bħalma huwa dak tal-*campers* matul il-perjodu bejn Ottubru u Mejju; u

- L-arranġament fis-seħħ jidher li ħadem tajjeb u mmassimizza l-potenzjal tat-triq f'dak li huwa spazju għall-ipparkjar.

9.2. Permezz ta' imejl datat 10 ta' April 2024, Transport Malta wieġbu li:

- Il-pjanta oriġinali ġiet riveduta sabiex ma jiġix imxekkel l-iskall;

- Is-sinjali għall-ipparkjar ser isiru skond il-linji gwida ta' Transport Malta; u

- Skond rapport imħejji minn Dr Audrey Demicoli ta' Transport Malta, it-tqassim kif jidher fuq il-pjanta riveduta, huwa ħafna aktar sigur minn kif inhu, u dan għall fatt li dawk li jagħmlu użu mill-parkeġġ biex jinżlu jgħumu ma jkollomx għalfejn jaqsmu t-triq.

9.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fid-dawl tad-diskussjoni li kien dwar dan is-suġġett fis-seduta preċedenti, saret petizzjoni data 23 ta' April 2024, iffirmata minn ħmistax-il persuna li għandhom proprjetà fit-triq in kwistjoni, fejn appellaw li għandu jinżamm l-arranġament eżistenti, peress li l-marki tal-karreġġjata eżistenti ġew iddisinjati b'mod metikoluż biex jakkomodaw il-ħtiġijiet kemm tar-residenti kif ukoll tal-viżitaturi. Il-petizzjoni tkompli tgħid li t-tibdil propost ser ifixkel il-bilanċ delikat, li jwassal għal diżordni, konfużjoni, konġestjoni u inkonvenjent għall-partijiet interessati kollha involuti.

9.4. Il-Kunsill unanimanent qabel li t-tibdil illi sar fil-pjanta ta' Transport Malta u r-raġunijiet mogħtija fir-rapport imsemmi mhuwiex ġustifikati billi l-użu ta' din il-parti tat-triq huwa limitat minn jeħtieġlu jmur fil-kmamar li hemm aktar 'l ġewwa, għalhekk il-volum tat-traffiku huwa baxx ħafna.

**10.1. Aġġornament dwar il-mafkar ta' Jimmy Muscat f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (M/9)**

10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa fuq il-post li attendew għaliha l-persuna li ġiet assenjata x-xogħol tal-pedestal, flimkien mal-perit u l-familjari tas-Sur Muscat. Attendew ukoll il-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono sabiex jiġi stabbilit il-post eżatt fil-parametri tal-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar.

10.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li kellu żewġ laqgħat mal-familjari tas-Sur Muscat bil-għan li jitfassal il-programm taċ-ċerimonja tal-kxif fl-24 ta' Mejju 2024 fis-7:30pm. Huwa ppropona li din tkun tikkonsisti minn:

- Biografija;
- Qari ta' poeżiji miktuba minn Jimmy Muscat;
- Diskorsi tal-okkażjoni; u
- Siltiet mużikali minn kwartet kompost minn mużiċisti Melleħin;
- Kxif tal-mafkar; u
- Bibità.

10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-programm. Kien hemm qbil li fost il-mistednin għandu jkun hemm id-Deputati Parlamentari tad-Distrett, l-għaqdiet ċiviċi, l-ex-Sindki jew il-qraba taghhom, flimkien mal-familjari ta' Jimmy Muscat.

**11.1. Sejħa għall-Offerti 1/2024 – Proġett dwar titjib fis-Sala tal-Kunsill (P/10/40)**

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fit-23 ta' April 2024 u ġew sottomessi dawn l-offerti:

11.3.

| Offerent | Prezz (€) |
|---|---|
| Miller & Miller | 34,182.67 |
| George Vella | 46,285.00 |
| Legacy Ventures Ltd | 47,170.87 |
| Aretrop Ltd | 73,1320.00 |

11.4. Il-Kunsill iddeċieda li l-sottomissjonijiet għandhom jiġu mgħoddija lill-perit inkarigat għall-evalwazzjoni teknika tiegħu qabel ikun hemm diskussjoni fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

**12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

12.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 19 ta' April 2024.

12.3. Tresqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn l-1 ta' Marzu u l-4 ta' April 2024.

12.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-23 ta' Marzu u d-19 ta' April 2024.

12.5. -Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: Minuti - Mellieha (gov.mt)

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-08:30 pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 22 ta' Mejju 2024 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**